# INSIRU NAFU AKTAR MILL-QRIB LILL EX-ARĊIPRIET MONS SALVINU FENECH LI SALLUM GĦADU L-EWWEL U L-UNIKU SAĊERDOT FURJANIŻ LI SAR ARĊIPRIET TA' DIN IL-PARROĊĊA



**kitba ta' FREDDIE TONNA**

Wara li s-sena l-oħra sira nafu aħjar lill-ex Arċipriet Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Emeritus, din is-sena jmiss li niskopru aktar dwar il-kompajżan tagħna Mons. S. Fenech.



ID-DAR FI TRIQ SAN TUMAS

Lejlet il-festa tas-Salvatur (5 ta' Awissu) 1929, fid-dar li llum iġġib in-numru 105 fi Triq San Tumas (il-parti ż-żgħira li ma tinfidx), il-familja ta' Antonio Fenech mill-Belt u martu Katerina nee Muscat mill-Floriana, żdiedet bil-ħames wild (tifel) tagħha. Sitt ijiem wara (11-8-'29), it-tarbija ġiet mgħammda mill-Arċipriet ir-Rev. Franġisku Mallia fil-Knisja ta' San Publju, fejn ingħataw l-ismijiet ta' Saviour, John Mary, Anthony, Joseph u Publius. Il-parrinijiet kienu l-aħwa Ġużi u Karmela Tonna, it-tnejn Furjaniżi. Il-familja Fenech, apparti mill-omm u l-missier kienet tikkonsisti mill-ulied Tereża, Carmen, John, Josephine, Salvinu, u Joe. Ma' dawn is-sitta kien hemm żewġ ulied oħra Feliċ u Ċettina li sfortunatament mietu trabi. Meta t-tarbija kellha 10 xhur, il-kundizzjoni fiżika tagħha ma kinetx mill-aħjar, tant illi nhar l-14 ta' Ġunju, 1930, Salvinu ttieħed fil-Palazz ta' l-Isqof fejn kien amministrat bis-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. F'din l-okkażjoni l-parrinu kien zijuh Joseph Muscat.

Ta' età żgħira beda jattendi l-iskola ta' l- "infants", li d-dħul għaliha kien minn ħdejn il-Knisja ta' Sarria. Bħala l-ewwel għalliema kellu lill-Ms. Stella Zarb. Dan il-bidu skolastiku tat-tfajjel Salvinu beda bl-inkwiet meta proprju fl-ewwel ġurnata, spiċċa b'qasma f'saqajh.
Fl-istess perijodu, beda jattendi wkoll il-M.U.S.E.U.M. (Mużew)



L-ARĊIPRIET MALLIA

fi Triq id-Dejqa (Illum Triq l-Isqof Mauro Caruana). Dak iż-żmien, is-Superjur kien Ġużeppi Schembri. Wieħed mill-għalliema tiegħu, kien il-Furjaniż ċertu Pawlu Brincat magħruf bħala Pawlu n-Nejbi. Fiż-żmien li dam il-Mużew, għamel perijodu jokkupa l-kariga magħrufa bħala 'Servjent ta' l-Epistolarju'. Il-kompitu tiegħu f'din il-ħatra kien li jisma' lit-tfal l-oħra jgħidu sentenzi mill-Epistoli u l-Vanġeli, u huwa, jekk ikun meħtieġ jikkoreġihom. Skond kif irrakuntali Mons. Fenech, fost il-passatempi favoriti mat-tfal tal-Mużew ta' dak iż-żmien, kien hemm il-futbol u l- 'Cricket'. Kienu jiltaqgħu ċorma tfal fuq il-fosos, u dak iż-żmien tfal kien hawn bil-mijiet fil-Floriana, mhux bħallum, jinqasmu f'żewġ timijiet li għamduhom ta' l- 'Air Force' u n- 'Navy' u jibdew jilagħbu. Ċertu tifel jismu Mikielanġ, la ried ikun fl- 'Air Force' u lanqas fin- 'Navy'; kien jippreferi l- 'Army', anke jekk waħdu. Peress li kien ikun irid jilgħab, ma tantx kien idum fl- 'Army' u malajr kien ikollu jagħżel xi wieħed mis-servizzi l-oħra. Dan it-tfajjel ġie mument meta ħalla l-logħob, ħalla l- 'Army' biex aktar tard ħaddan l-Ordni Sagri biex sar dak li llum fil-Parroċċa tagħna nafuh bħala Dun Mikielanġ Camilleri. F'dawk iż-żminijiet il-ballun kien jintlagħab f'kull ħin u kullimkien. Darba fost l-oħrajn, waqt partita fuq il-fosos, laqtu mara f'wiċċha, li wara ġabitilhom il-Puluzija. Meta l-Pjantun beda jeħdilhom il-partikolaritajiet tagħhom u wasal fuq wieħed mit-tfal qallu, "ta' min jgħidulek", it-tifel pront pront qallu "ta' ħadd", u l-uffiċjal ħaseb li dak kien il-laqam tat-tifel, u fin- 'notebook' tiegħu niżżel "ta' ħadd".

Meta qorob iż-żmien biex jirċievi l-Ewwel Tqarbina, resaq għall-eżami quddiem Dun Ġużepp Mifsud, Dun Pawl Portelli u l-Arċipriet, Dun Angelo Ghigo. Tistgħu taħsbu kif ħassu dan id-daqsxejn ta' tfajjel quddiem tliet persunaġġi bħal dawk. Fost il-memorji ta' tfulitu, Mons. Fenech għadu jiftakar sew il-funeral ta' Mons. Mallia, l-Arċiriet li għammdu. L-aktar ħaġa f'din il-ġrajja li baqgħet impressjonata f'moħħu kienu t-tajjar imdeffes f'imnifsejn il-kadavru li mlibbes l-abiti sagri kien qiegħed jinġarr lejn il-Knisja espost fuq l-ispallejn.

Ma jistax jonqos li episodji mill-gwerra jibqgħu stampati f'moħħ kull min għex f'dak iż-żmien terribbli. Fost dawn, il-persunaġġ tagħna jiftakar kif darba waħda malli s-sireni ħabbru ħbit mill-ajru, niżlu jiġru fix-xelter. Fi triqthom 'l isfel, ajruplan Ġermaniż beda jispara bil- 'machine gun'; f'dak il-ħin, xi ħadd, lilu għax kien għadu tifel, tefgħu mal-ħajt biex skansalu ħajtu mill-balal ta' l-għadu. Jiftakar ukoll il- "Connought Home", illum id-dar ta' l-anzjani, sservi bħala "rest house' għall-piloti tar- "Royal Air Force" (R.A.F.). L-ewwel sigarett li qatt pejjep, Mons. Fenech jattribwih għall-gwerra wkoll. Spjegali kif fuq is-swar kienu jitpoġġew patalotti b'miċċa kkumnikata magħhom, mas-sinjal ta' ħbit mill-ajru, persuni inkarigati kienu jiġru minn patalatt għall-ieħor, jixegħlu l-miċċa u mir-reċipjenti kien joħroġ duħħan sfiq ("smoke screen") biex joskuraw il-viżjoni tal-piloti ta' l-għadu. Dan id-duħħan kien jagħmel ħażin lil ħafna nies, fosthom lit-tfajjel Salvinu, tant li kien anke




RITRATT TAL-PREĊETT

jirremetti. Bħala kura għal dan l-inkonvenjent, pilota kien tah sigarett, li skond Mons. Fenech, l-effett irnexxa u ma baqax iħossu ħażin bid-dħaħen. Esperjenza oħra kerha li ma marret qatt minn quddiem għajnejh, hja l-ġrajja tat-28 ta' April 1942. Dakinhar għall-ħabta tas-07.50 Salvinu lemaħ ajruplan waħdienu jdur fuq il-knisja tagħna u jħalli warajh ċirku bid-duħħan (vapour). Sekondi wara ra Stukas Ġermaniżi jiddajvjaw għal ġoċ-ċirku (li kien serva ta' marker) biex fi ftit ħin għamlu ħerba mill-knisja tagħna. Ta' tifel li kien, u fi kliemu stess "ma kontx mill-kwieti" wara li għadda l-ħbit, telaq jiġri lejn il-knisja fejn ra l-frakass li ħallew warajhom it-Tedeski. Żgur li mill-ħerba kollha, l-agħar xena kienet id-derha li tkexkex ta' nies midruba u oħrajn mejta fil-kannierja, mirduma taħt il-knaten u terrappien li waqgħu mill-koppla. Fost il-mejta, lemaħ lil Dun Pawl Portelli, li kif għedna aktar kmieni, kien wieħed mis-saċerdoti li eżaminawh għall-Ewwel Tqarbina.



PARTI MILL-KNISJA MWAQQA

Episodju ieħor ta' żmien il-gwerra kien, meta Salvinu flimkien ma' tifel ieħor tamparu, kienu fl-inħawi ta' l-iskola tal-gvern fi Triq San Tumas. Għal xi raġuni jew oħra, ma ndunawx li l-iskola kienet intlaqtet sew u fil-viċin tal-bieb prinċipali kien hemm daqsxejn ta' ħofra ġmielha. Mingħajr ma jafu kif, għal naqra ma spiċċawx fil-ġibjun li hemm taħt l-iskola. F'din l-epoka tal-gwerra, it-tfajjel tagħna kien abbati u mal-ħafna funerali li taha servizzi fihom kien hemm dawk ta' wħud mill-vittmi li mietu meta ntlaqat ir-Regent (ċinema) fil-Belt Valletta nhar il-15 ta' Frar 1942.

**MIT-TFULIJA GĦAŻ-ŻGĦOŻIJA - EDUKAZZJONI - VOKAZZJONI**

Wara l-iskola Primarja li attenda fil-Floriana, fl-1943 Salvinu mar jagħmel is-sitt klassi fl-iskola Primarja li kienet fi Triq l-Iskoċċiżi fil-Belt Valletta. Sena wara (1944) daħal direttament fit-Terza tal-Liceo. Fil-Liċeo dam sa l-1948.

Sa minn ċkunitu, għalkemm tifel imqarqaċ ġmielu, Salvinu kien iħobb jilgħab bil-knisja. Dak il-musbieħ ekkleżjastiku jnemnem fis-sub konxju ta' dan it-tifel ħa n-nar u sar fjamma meta darba waħda raġel qallu "għax ma tmurx qassis". Jekk din il-persuna qaltlux hekk biex tiġbidlu saqajh għax kienet tarah jew tafu bħala tifel fuq ruħu sew, inkella għax verament rat fih saċerdot futur, ma nafx, li huwa żgur huwa l-fatt, li dik is-sentenza bidlet ħajjet dan il-persunaġġ tagħna. Il-grazzja t'Alla bdiet taħdem fih aktar u aktar wara li tkellem ma' Dun Ġużepp Barbara li kien il-konfessur tiegħu. Dan ma naqasx li jkompli jistimulah u jgħinu fid-deċiżjoni li ħin jew ieħor ried jieħu. Meta l-mument ta' l-għażla wasal, id-deċiżjoni waqgħet fuq is-saċerdozju. Ma' din l-għażla, spiċċa darba għal dejjem in-namur li bħal żgħażagħ oħra bħalu għadda minnu, speċjalment fl-epoka tal-Liċeo.



**DUN ĠUŻEPP BARBARA**
**Saċerdot influwenti ħafna fuq Salvinu**

Il-ħajja fis-Seminarju li wasslitu sa l-Ordni Sagri bdiet fl-1949. Erbgħa mis-seba' snin li dam is-Seminarju, għaddiehom fl-Università l-qadima fil-Belt Valletta, isegwi kors tat-Teoloġija. Fiż-żmien li dam is-Seminarju, li kien il-Floriana, fejn illum hemm il-Kurja, kellu bħala rettur lill-Mons. Ġużeppi Mifsud, segwit minn Mons. Albert Pantalleresco. Fil-kors tiegħu kienu 10, minbarra Salvinu kien hemm Furjaniż ieħor, Frans Pace (R.I.P.) li aktar tard sar saċerdot ukoll.

Waqt passiġġata li bħala seminarista kienu jagħmlu flimkien, darba waħda, meta kienu waslu ħdejn l-għajn ta' Wignacourt seħibhom Leli Borg ħassu ħażin. Immedjatament ħaduh lejn is-Seminarju. Il-kundizzjoni tiegħu kienet gravi ħafna tant li s-Seminaristi nġabru fil-kappella biex jitolbu għalih. F'ħin

# *7 TA' AWISSU 1955*

# *IT-TFAJJEL FURJANIŻ ISIR SAĊERDOT*



WAQT L-ORDINAZZJONI

minnhom daħal Mons. Mifsud (ir-Rettur) u flimkien irreċitaw id- 'De Profundis'. F'dak il-lejl is-Seminarista Leli Borg sar saċerdot tas-sema minflok ta' l-art. Fi kliem Mons. Fenech stess, dan kien forsi l-uniku episodju negattiv fil-ħajja fis-Seminarju.

Bħalma fil-ħajja jkun hemm mumenti ta' dwejjaq, bħal dan li għadna kif irrakkuntajna, ikun hemm ukoll okkażjonijiet li fl-ispontanjetà tagħhom iġegħluk titbissem. Mela darba waqt li kien qiegħed jagħmel eżami tas- 'Senior Oxford' fl-Armerija tal-Palazz il-Belt, l- 'invigilator' li kien ċertu sur Doublet qal lill-istudenti li kellu quddiemu "mind if I see you talking, I will send him out immediately". Appena spiċċa din is-sentenza, wieħed mill-istudenti qam, resaq lejn wieħed minn dawk il-korazzi, qabad l-elmu, dawru lejn il-ħajt u qallu 'dawwar wiċċek 'l hemm li ma jaħsibx li qed tkellimni". Mons. Fenech ma setax jiftakar jekk dak l-istudent partikulari kompliex l-eżami.

> **O Alla li għall-glorja tal-kobor tiegħek u s-saħħa tal-bnedmin qegħidt lill-Iben waħdieni Tiegħek l-ogħla qassis għal dejjem: agħmel li dawk li mill-istess Iben tiegħek ġew magħżula bħala ministri u biex iqassmu l-misteri Tiegħek ikunu fidili fil-qadi tal-ministerju fdat f'idejhom. F'ġieħ l-istess Kristu Sidna. Hekk ikun.**
>
> B'tifkira tal-Jum li fih Alla dilikni Qassis Tiegħu biex noffrilu s-Sagrifiċċju u nġib lill-bnedmin Kelmtu, il-Maħfra tiegħu, Imħabbtu u Ħajtu.
>
> Dun Salv. Fenech
> Konkattidral ta' S. Gwann
> Valletta
>
> 7 ta' Awissu 1955

Fl-14 ta' Settembru 1952, is-Seminarista Salvinu tilef lil ħuh Johnny li miet fl-età tenera ta' 29 sena.

Iż-żmien ma jistenna l-ħadd, u s-snin baqgħu jgerbu. L-istudji komplew għaddejjin sakemm sebħet l-għodwa tas-7 ta' Awissu 1955.

Dakinhar fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali u Isqof titulari ta' Tralles, ikkonsgra bħala saċerdot lil dak li ħmistax (15) - il sena wara kellu jsir bħala l-uniku Arċipriet Furjaniż li qatt kellna s'issa. Bħala parrini fl-ordinazzjoni tiegħu kellu lis-Sur Emmanuel (Lolly) S. Tonna, u lil ex-Arċpriet Dun Angelo Ghigo. Sadanittant, ħuh Karmenu rċieva l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu ta' Patri Karm Fenech. L-ewwel Quddiesa Sollenni tagħhom iċċelebrawha fil-Knisja Parrokkjali tagħna, Patri Karm nhar Santa Marija (15 ta' Awissu) u Dun Salv il-Ħadd ta' wara. Ir-riċeviment għamluh flimkien.

Mons. Fenech huwa magħruf ħafna għall-imħabba kbira li għandu lejn it-tfal. Naħseb li l-impjieg ta' għalliem li ngħata wara li qaddes, għen mhux ftit biex trawmet u ssaħħet fih din l-affinità lejn iċ-ċkejknin. Inżerta li ġie mibgħut jgħallem fil-Qrendi, biex




FL-ISKOLA TAL-QRENDI



FIL-BELT ETERNA

b'hekk ukoll bdiet ir-rabta ta' Dun Salv ma' dan ir-raħal pittoresk.

Fl-1956, il-Moviment Azzjoni Soċjali (M.A.S.) għażel grupp ta' 100 tifel u tifla li kienu ġejjin minn familji numerużi u flimkien ma' l-Opera Pontificia d'Assistenza (O.P.A.) ħaduhom fil-Belt Eterna. L-inkarigu ta' dan il-grupp ġie afdat f'idejn Dun Salv.

Il-professjoni ta' għalliem ma fixklet qatt lil Dun Salv mid-doveri saċerdotali tiegħu. Fost dawn id-doveri, l-assistenza lill-moribondi hija minn ta' quddiem nett fid-dmirijet ta' qassis. Fuq nota totalment differenti mit-traġedji li ser naqraw aktar 'l isfel, darba fil-Floriana, kien imsejjaħ biex jassisti moribond, u fi triqtu ġera warajh Puluzija għax ħasbu xi ħadd liebes ta' qassis.

Fil-perjodu li kien għalliem il-Qrendi, biex ikun jista' jwettaq din il-missjoni malajr kemm jista' jkun u fl-iqsar żmien possibbli, kien jissellef rota ta' wieħed mastrudaxxa li kien hemm maġemb l-iskola. Bħalma għadna kif għedna, f'kollox hemm mumenti tad-daħk u oħrajn serji. Tal-biża' u tat-twerwir kienet il-ġrajja meta ajruplan ikkraxxja fil-post magħruf bħala l-Munqar ta' Wied iż-Żurrieq. Ħafna nies irħewlha lejn fejn kien iġġarraf u saħansitra waslu qabel in-nies ta' l-R.A.F. Malli waslu ta' l-R.A.F., neħħew lil kulħadd mill-akkwati tad-diżgrazzja, iżda lil Dun Salv, għax kien bis-suttana ħallewh hemm. Fost xeni tal-biża', inklużi nies jinħarqu ħajjin beda jwettaq dak li titlob il-Knisja Kattolika minn ministru tagħha f'sitwazzjonijiet bħal dawn. Episodju ieħor ferm ikrah kien meta ssejjaħ biex jamministra l-aħħar sagramenti fuq kadavru ta' ħaddiem li wara inċident fuq il-post tax-xogħol spiċċa mingħajr ras. In-naħiet tal-Qredni huma magħrufa għall-barrieri li jeżistu f'dawk l-inħawi. Esperjenzi ta' slielem ġo dawn il-barrieri għoljin diversi sulari u jitbandlu ma' kull skaluna li titla' jew tinżel, il-persunaġġ tagħna kellu wkoll. Biex nagħlqu din il-parti dwar il-ħajja ta' Dun Salv bħala għalliem fl-iskola tal-Qrendi, irridu ngħidu li tant it-tfal kienu jħobbuh, illi meta kien jonqos xi għalliem u t-tfal kienu jitqassmu fi klassijiet oħra, kollha kienu jridu jmorru għand il- 'father', tant li ġieli kellu 55 tfal fil-klassi.

**"MISSIER, GĦANDI OĦTI GĦAMJA KEMM TIXTIEQ TARAK!"**

**IS-SAĊERDOT AMMINISTRATUR**

Fl-ewwel nofs tas-sena 1960, inħolqot vakanza fil-kariga ta' Kappillan fil-Parroċċa tal-Qrendi. L-Arċisqof ta' dak iż-żmien, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Sir Michael Gonzi, aktar milli talbu, obbligah biex joqgħod għall-eżami ħalli jkun jista' jsir Kappillan. Mill-eżami għadda b'suċċess u fit-12 ta' Ġunju 1960 ħa l-pussess bħala l-Kappillan tal-Qrendi. Dak inhar tal-pussess seħħ fatt li Mons. Fenech qatt ma nsieh. Ġara li waħda mara, wara li offrietlu qoffa larinġ "għax ma nistax intik xi ħaġa oħra", żiedet tgħidlu "missier, għandi oħti għamja, kemm tixtieq tarak". Din is-sentenza, imma l-aktar it-titlu ta' missier, laqtuh ferm.

Bis-saħħa tas-snin li diġa' kien għamel bħala għalliem f'din l-istess parroċċa li issa sar ir-ragħaj spiritwali tagħha, kien tal-



JUM IL-PUSSES FIL-QRENDI

irnexxielu jistabbilixxa kuntatt personali ma' ħafna familji, kuntatti li kull kappillan iħabrek biex ikollu sa mill-bidu tal-ħidma tiegħu.
Matul l-għaxar snin tal-parrokat, il-kappillan Fenech wettaq diversi xogħlijiet fil-knisja tal-Qrendi, bħat-tkomplija ta' l-iskultura fil-gwarniċun, l-eliminazzjoni ta' inkonvenjent kbir li meta kienet tagħmel ix-xita u r-riħ jonfoħ fid-direzzjoni tal-faċċata tal-knisja, l-ilma kien jidħol minn taħt il-bieb il-maġġur u jimla kullimkien sa ħdejn il-Presbiterju, u reġa' qiegħed f'postha antiporta li kienet inqalgħet. Minbarra dan ix-xogħol materjali, irnexxielu jsaħħaħ l-għaqdiet reliġjużi u jwaqqaf il-fergħa tan-nisa ta' l-Azzjoni Kattolika. Fiż-żmien illi fil-Parroċċa tal-Qrendi kien hemm xi inkwiet parrokkjali, Dun Salv kien jagħmel minn kollox biex jibqa' newtrali u jaqdi lil kull min kien jinħtieġ l-għajnuna tiegħu, hu ta' liema kulur hu. Ta' dan kien stmat u rrispettat minn kulħadd, kif għadu sal-ġurnata tal-lum.
Fit-8 ta' Ġunju 1967, ġarrab il-mewt ta' missieru. Il-funeral tiegħu kien sar fil-knisja tal-Kappuċċini, għax fil-Knisja Parrokkjali kienet qiegħda ssir l-ewwel quddiesa solenni tal-Furjaniż Patri Dominic Camilleri. Kien Ħadd il-Palm ta' l-1970 meta fil-Floriana ġriet l-aħbar li miet l-Arċipriet Dun Alwiġ Debono. Ftit taż-żmien wara tħabbar li Dun Salv kien ġie nnominat bħala l-Arċipriet il-ġdid tagħna. Sa fl-aħħar għall-ewwel darba wara 126 sena bħala Parroċċa, kien ser ikollna saċerdot Furjaniż bħala r-ragħaj spiritwali tagħna. Iċ-ċerimonja tal-pussess saret nhar il-5 ta' Lulju 1970 u tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Emmanuel Galea, l-istess Isqof li 15-il sena qabel ordnah saċerdot.

## L-EWWEL DARBA WARA 126 SENA LI ĦUNA FURJANIŻ ISIR MISSIER SPIRITWALI TAGĦNA


Quddiesa ta' ringrazzjament, 25 sena saċerdot

Matul is-16-il sena tal-parrokat tiegħu fostna, Dun Salv tella' lista verament impressjonanti ta' xogħlijiet li bbenefikat minnhom il-knisja u l-parroċċa tagħna. Fil-bidu tal-parrokat tiegħu, l-Arċipriet issusspetta li fis-siġġijet kien hemm l-insetti. L-ewwel sinjali li kien hemm xi ħaġa ħażina bdew jidhru meta beda josserva lit-tfal jiċċaqilqu u jħokku. Meta eżaminaw is-sitwazzjoni, sabu li s-siġġjiet, li kienu għadhom tas-soda, kienu miżgħuda bil-baqq (il-baqq huwa insett parrasita li jgħix minn fuq id-demm; il-gidma tiegħu tinħass bħal qarsa u tikkaġuna nefħa u rritazzjoni fil-ġilda. Tista' tkun infettiva wkoll). Biex jippruvaw isolvu l-problema, is-siġġiet ġew iffumagati u maħsulin bil-creasol, imma għalxejn għax il-kaġun ta' l-inkwiet hemm kien, u hemm baqa'. Soluzzjoni waħda kien hemm. Dun Salv ħareġ fuq l-altar u ħabbar li kien hemm bżonn jixtraw siġġijiet ġodda. Il-ġenerożità tal-Furjaniżi għamelt il-kumplament, kif wara kollox dejjem għamel kull darba li ssejħet biex ġew iffinanzjati x-xogħlijiet kbar li ser insemmu. Il-kisi tas-soqfa tal-korsija, kor u kappelluni bil-'waterproofing membrane'. F'Marzu 1970 inxtara orgni ġdid. Fl-1972, it-tkomplija tal-pittura tas-saqaf tal-korsija. Kien fil-25 ta' Ottubru ta' din is-sena wkoll meta tilef lil ommu. Fl-1974, inbidlet is-sistema elettrika, bl-installazzjoni ġdida fjamanta li kopriet il-knisja kollha, inklużi l-kampnari sa fuq nett. Fl-1975, wara ħruq li kien hemm fil-kannierja, ingħata bidu għall-iżvilupp tas-sit billi ngħatat il-konkos. Fl-1977, inxtraw sett fjuretti għall-altar tar-Rużarju. Fis-sena 1978 saret installazzjoni ġdid oħra, din id-darba tal- 'P.A. System'; fl-istess sena ġie installat ukoll 'winch' fil-gallarija ta' l-orgni. Fis-sena '79, kellna l-art tal-gallarija ta' l-orgni minn travi ta' l-injam xpakkati u bis-susa, tinbidel ma' art tal-konkos, toilet ġdid fis-sagristija, u r-restawr ta' l-altar ta' San Pawl. Fl-1980 ingħata bidu għax-xogħol ta' żebgħa tal-knisja kollha miċ-ċinta 'l isfel. Flimkien maż-żebgħa, saret ukoll l-induratura tan-navi u kontra navi, tnaddfu diversi inkwatri ta' l-altari u ġew irħamati l-perspettivi tal-bibien interni. Fl-1982, tneħħew il-pinnuri u nbidlu l-fjuretti fil-qċaċet

# "META TWELIDT INT, INT BKEJT U AĦNA DĦAKNA, ISSA QIS ILLI LA TMUT, TIDĦAK INT U NIBKU AĦNA"

kampnari, u skultura mal-ħitan fin-niċċa l-antika ta' San Publju.
Fit-12 ta' Frar 1982, miet ħuh il-Ġeżwita Patri Karm.
Sena eżatt wara, fit-12 ta' Frar 1983, inbdiet dik li fl-opinjoni tiegħi hija l-akbar opra li ħallielna Mons. Fenech, id-dekorazzjoni tal-koppla, u saru 4 settijiet ta' fjuretti għall-altari tal-Kurċifiss, San Pawl, Sant' Anna u tal-Karmnu. Fl-1984 saret sistema awtomatika ta' kif l-arloġġ tal-knisja jieħu l-ħabel minn isfel, u sar ir-restawr u l-ftuħ mill-ġdid tal-kappella tan-Nazzarenu.
Mas-sodisfazzjon minn dawn l-opri kollha, kellu jsofri l-firda ta' oħtu Josephine li ħallietna fit-8 ta' Ottubru, 1985.
Nerġgħu lura għax-xogħol, u ma' dan kollu rridu nżidu l-induratura bil-fidda tal-gandlieri tas-sekondi festi ta' l-altar maġġur, it-tindif u restawr tal-ġilandra magħrufa bħala tal-bellus, u ngħata bidu għall-manifattura ta' pavaljuni, bandalori eċċ. għat-tiżjin tat-toroq fil-ġranet tal-festa. Tajna bidu wkoll għal sistemi aħjar ta' kif jintrefgħu l-affarijiet. Kienet verament mossa sabiħa dik ta' Dun Kalċidon Vassallo, li kien sar Arċipriet wara Dun Salv, meta nhar is-Sibt 4 ta' Lulju 1987, ħalla l-unur ta' l-inawgurazzjoni u t-tberik tal-koppla f'idejn Mons. Fenech. Sa mill-bidu nett tal-ħidma tiegħu fostna, l-Arċipriet Fenech ħabrek biex rawwem u għaqqad madwaru grupp qawwi ta' voluntieri li b'sodisfazzjon kbir ngħid illi l-maġġoranza assoluta tax-xogħlijiet li semmejna, saru minna l-voluntieri Furjaniżi.



IL-KXIF TA' L-IRĦAMA VINCENZO DIMECH

Minbarra din il-lista impressjonanti ta' xogħlijiet, fl-1978 Dun Salv waqqaf għall-irġiel, il-klabb Papa Ġwanni Pawlu I, u nieda l-festa ta' San Publju tat-tfal. Dan kollu sar mingħajr ma ttraskura d-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot, it-tisħiħ ta' l-għaqdiet reliġjużi, u l-ħidma normali amministrattiva u pastorali.

**"DAK LI INTOM INTKOM, JIENA KONT, DAK LI JIEN JIEN INTOM TRIDU SSIRU!!"**



Introduċa l-festa ta' San Publju tat-tfal.

Dun Salv huwa magħruf għall-priedki u omeliji li jagħmel. Diversi darbi kont preżenti waqt xi funeral fejn kien jippriedka hu. Mad-diskors ta' kuraġġ, tama u faraġ li kien ilissen, spiss kien jirrepeti żewġ frażijiet li baqgħu stampati f'moħħi. F'waħda minnhom kien jistħajjel lill-katavru jgħid lill-miġemgħa ta' madwaru "dak li intom intkom (ħajjin), jiena kont, dak li jien jien (katavru), intom tridu ssiru". Il-frażi l-oħra kienet, li missier jgħid lit-tifel, "meta twelidt int, inti bkejt u aħna dħakna, issa qis illi la tmut, tidħak int, u nibku aħna". Għednieha aktar kmieni, li l-għaxqa tiegħu kienet dawk il-mumenti meta jkun imdawwar bit-tfal. Għall- mistoqsija dwar x'jaħseb li kienu l-isbaħ u l-ikraħ esperjenzi matul il-parrokat tiegħu fostna weġibni: "bħala memorji sbieħ, ma ninsa qatt iċ-ċerimonji ta' l-Ewwel Tqarbina fejn kien irnexxieli ndaħħal l-użanza li t-tfal jiġu mill-Mużew u jidħlu fil-knisja flimkien mal-ġenituri tagħhom". "Lit-tfal kont intellagħhom ħdejja fuq l-altar u



**L-istess stolun li hu libes għal 16-il sena bħala Arċipriet libsu wkoll l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II fi żjara tiegħu f'Malta f'Mejju 1990.**

fil-ħin li tingħata l-paċi, kont nibgħathom ibusu lill-ġenituri tagħhom". "Kienet esperjenza kommoventi ħafna meta tara lil kulħadd bid-dmugħ f'għajnejh". Ġew darbi meta kien jiġbor numru ta' tfal, u wara li jkun dawwarhom mal-knisja, jispiċċaw fis-sagristija fejn kien jilbes għal xi funzjoni reliġjuża, x'ħin jilbes l-alba (libsa twila bajda), kien jgħidilhom "din in-nightdress tal-mummy". Naturalment il-festa ta' San Publju tat-tfal iqisha wkoll fost "il-mumenti sbieħ fil-parrokat tiegħi". Dawn ma kinux l-uniċi esperjenzi sbieħ li kellu, kien hemm oħrajn li tawh sodisfazzjon kbir, imma mumenti koroh, anzi koroh ħafna kellu wkoll bħal meta fil-lejl ta' sbiħ il-Ħadd 30 ta' Settembru 1984, u fl-aħħar jum ta' l-istess sena (31-12-1984), xi ħadd mhux magħruf poġġa żewġ bombi fuq l-għatba tad-dar tiegħu (Parrokkjali). Għalkemm fiż-żewġ każi l-ħsarat kienu kbar, fortunatament ħadd ma weġġa'.



**L-istess stolun fuq Mons. Fenech**

Il-Parrokat ta' l-Arċipriet Dun Salv Fenech intemm f'Jannar ta' l-1986. Fit-8 tax-xahar ta' wara (Frar, quddiem knisja ppakkjata qaddes il-quddiesa ta' ringrazzjament.

Bħall-predeċessuri tiegħu, Dun Salv minn Arċipriet tagħna nħatar Monsinjur tal-Katidral. Iċ-ċerimonja tal-pussess f'din il-fażi ġdida ta' ħajtu saret ġewwa l-Katidral ta' l-Imdina nhar 28 ta' Awissu 1990. Il-kariga ġdida li ngħata kienet dik ta' Deputat u Rettur tal-Kon katidral ta' San Ġwann, kariga li dam jokkupa għal 13-il sena sħaħ. Matul dan il-perijodu, organizza 'l San Ġwann fuq il-linji ta' parroċċa, b'enfasi kbira fuq il-qrar. Jekk għandna l-unur li l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-ewwel żjara li għamel f'dawn il-gżejjer fl-1990, libes l-istolun tal-festa tagħna, kien kollu mertu tat-tħabrik ta' Mons. Fenech flimkien ma' Mons. Carmelo Xuereb. Fis-snin tiegħu ta' tmexxija f'San Ġwann, diversi kienu dawk il-persuni distinti li żaru Malta u ttieħdu jżuru l-Kon katidral; fost l-aktar importanti nsibu lill-President ta' l-Italja Oscar Luigi Scalfaro, mart l-ex President ta' l-Unjoni Sovjetika Raisa Gorbachova, l-ex President ta' l-Amerika Jimmy Carter, il-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II u oħrajn.

Fil-21 ta' Frar 1997, il-familja Fenech sofriet telfa oħra, kien imiss lil Tereża li titwieled għall-ħajja ta' dejjem.

Illum Mons. Fenech li għadu jgħix fil-Floriana, huwa pensjonant. Għalkemm ir-ritmu tal-ħajja m'għadux dak li kien, xorta waħda baqa' attiv u jagħti s-servizzi tiegħu wkoll fil-parroċċa tagħna.

Mitlub jagħti l-aħħar messaġġ lill-qarrejja ta' dan il-ktieb, Mons. Salvinu Fenech spiċċa hekk, "Il-knisja tagħna hija mibnija f'nofs is-subborg - nibqgħu u nsiru aktar magħqudin madwarha".

## F'ISEM IL-FURJANIŻI KOLLHA NGĦIDLEK GRAZZI
## U NAWGURALEK IL-FESTA T-TAJBA